MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 24/2024 LM

**Raymond Debono (K.I. numru 326156(M))**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fit-23 ta' Jannar, 2024, mir-rikorrent **Raymond Debono (K.I. numru 326156(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] kontra l-intimat **l-Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'], li jgħid kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi l-esponenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti istruttorja lura fis-sena 2006 akkużat fost l-oħrajn b'reati ta' truffa u frodi (kumpilazzjoni numru 1200/2006);*

2. *Illi l-proċedura penali relattiva quddiem l-ewwel Qorti u ċioe quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet konkluża nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2014 meta dik il-Qorti pronunzjat ruħha fuq dak il-każ permezz tas-sentenza minnha mogħtija;*

3. *Illi l-esponenti kien ħass ruħu aggravat bis-sentenza ta' dik il-Qorti u b'hekk konsegwentament huwa interpona l-umli appell tiegħu;*

4. *Illi l-esponenti kellu jistenna 'il fuq minn disa' (9) snin sabiex il-appell kriminali minnu interpost jiġi effettivament deċiż b'dan illi huwa ġie kkundannat għal piena ta' tlett snin priġunerija effettivi;*

5. *Illi b'hekk dawk il-proċeduri kriminali damu* in toto *bejn wieħed u ieħor sbatax (17)-il sena sabiex jiġu konkużi b'dan illi l-esponenti ġie soġġett għal proċess li ħa tuwl ta' żmien irraġonevoli għall-aħħar u dan minħabba nuqqasijiet amministrattivi li ċertament li ma jistawx jiġu attribwiti lilu;*

6. *Illi dawn in-nuqqasijiet waslu sabiex id-drittijiet fundamentali tal-esponenti ġew sfaċċatament leżi u dan mingħajr ebda ġustifikazzjoni jew raġuni;*

7. *Illi l-esponenti qiegħed preżentament iservi piena karċerarja għal reati li ġew kommessi 'l fuq minn 17-il sena ilu, liema ċirkostanzi ma jfissru xejn għajr il-fatt li l-aspetti retributtivi u dawk riformattivi fil-konfront tal-esponenti ċertament li ma ġewx rispettati, li wara kollox għandu jkun l-għan wara proċess penali li għandu jwassal sabiex ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja tiġi salvagwardjata;*

8. *Il-lanjanza da parti tar-rikorrenti tippernja* inter alia *fuq Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi li meta l-akkużat jiġi mixli b'reat kriminali, u fejn l-akkuża ma tiġix irtirata, huwa għandu l-jedd li jingħata smigħ xieraq, f'għeluq żmien raġonevoli minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa mil-liġi. Fuq l-istess linja, l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jesiġi 'Illi* [f]id-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ mparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi".

9. *Jirriżulta li dawn il-jeddijiet tar-rikorrenti ma ġewx imħarsa, u għal dan il-ksur jaħtu l-imħarrkin.*

10. *Prinċipalment u kif konstatat anke mill-ġurisprudenza nostrana, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-għan tal-jedd ta' smigħ xieraq fiż-żmien raġonevoli, huwa ntiż sabiex l-akkużat ma jibqax imdendel taħt kapi t'akkużi għal żmien twil inefinit (Wemhoff v. Germany (1968); Kart v. Turkey (2009)).*

11. *It-terminu legali 'taż-żmien raġonvoli' kif maħsub fil-liġijiet fundamentali tal-bniedem, jinkombi fuq l-Istat li jittratta l-proċeduri ġudizzjarji nklużi dawk kriminali b'mod spedjenti (Boddaert v. Belgium (1992)). Dan jimponi obbligazzjoni pożittiva fuq l-Istat, li min-naħa tiegħu għandu jassigura li l-mekkaniżmu ġudizzjarju jaħdem b'galbu, però li jwassal għal ħaqq fi żmien xieraq.*

12. *L-obbligazzjoni t'effiċjenza ġudizzjarja taqa' fuq l-ispalla tal-Istat li għandu għalhekk jistabbilixxi proċeduri u mekkaniżmi li jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji jitwettqu u jitmexxew b'effiċjenza, dejjem fiż-żmien raġonevoli – hu kemm hu ż-żmien, però, basta li jkun raġonevoli, dan naturalment dejjem u skont iċ-ċirkostanzi tal-każ (Richard Anderson v. United Kingdom (2010)).*

13. *B'daqstant għandu jkun l-Istat li jirrispondi għal dewmien meta dan ma jkunx raġunat (Bhandari v. the United Kingdom (2007)), u dan senjatament meta l-Istat jonqos milli jadotta miżuri li jassiguraw effiċjenza fi proċeduri ġudizzjarji.*

14. *L-fatturi li għandhom jiġu mgħarbla fl-assjem tagħhom f'kawżi bħal dawn huma :*

    a. *L-kumpessità tal-każ ;*
    b. *L-aġir tal-partijiet fil-kawża u,*
    c. *L-aġir tal-awtoritajiet rilevanti fil-każ - f'dan l-aġir t'awtorità ġudizzjarja (Pėlissier and Sassi v. France (1999)* inter alia).

15. *Ser jirriżulta fl-andament ta' dawn il-proċeduri li l-atti proċesswali ta' din il-kawża kriminali, huma mifnija b'leżjonijiet tad-drittijiet tar-rikorrenti kif dedotti f'dan ir-rikors, li essenzjalment huma dawk id-drittijiet li jħarsu u jipprovdu għall-ħarsien ta' smigħ xieraq, fi żmien raġonevoli.*

16. *Ser jirriżulta wkoll li f'dawn il-proċeduri kriminali l-ebda mekkaniżmu t'effiċjenza ma ġie addottat sabiex r-rikorrenti jiġi trattat fi żmien li jista'*

*jitqies bħala xieraq. Minħabba dan id-dewmien esaġerat, ir-rikorrenti baqa' imdendel għal 'l fuq minn sbatax-il sena sħaħ, b'akkużi serjissimi.*

17. *Fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrenti jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **'Anton Camilleri v. Avukat Ġenerali'** deċiża nhar l-1 ta' Frar 2016 fejn il-Qorti sostniet:*

    "Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li r-rikorrent m'għandux jitgħabba b'nuqqasijiet proċedurali li hu ma kellux ħtija għalihom…

    In kwantu d-dmir ewlieni li l-kawżi jitmexxew b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet u/jew tal-esperti tekniċi, dan jaqa' fuq il-Qorti u ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorità pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qrati jkunu jistgħu jwettqu dan id-dmir tagħhom, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-iStat għandu jkun eżonerat minn responsabbilità għal dewmien ta' tant snin biex tinqata' kawża ta' komplessità mhux aktar mill-medja." [enfasi tar-rikorrenti]"

18. *In oltre ir-rikorrenti jagħmel referenza għal dak li ġie deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet '**Joseph John Gatt v. Ir-Reġistratur tal-Qrati et'**. Fejn ġie deċiż li :*

    "Illi d-dritt għal smigħ xieraq, ma huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istes regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija.

    Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qiegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, « …(that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [Salesi vs Italy (26/2/1993)]."

19. *Qiegħda ssir referenza għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet '**Central Mediterranean Development Corporation Limited v. Avukat Ġenerali**', deċiża fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede*

*Kostituzzjonali) fejn il-Qorti għamlet referenza għall-kawżi Vocaturo vs Italy v G.H. vs Austria, fejn il-Qorti Ewropea rriteniet illi :*

"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time".

20. *Għandu jiġi mfakkar illi d-dritt sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrispetta wkoll il-prinċipju tal-effikaċja billi dewmien esaġerat jimmilita kontra l-aċċess garantit għall-ġustizzja li għandu jiġi żgurat mill-Istat lil kull ċittadin. Kif jgħidu l-awturi Jacobs White & Ovey :*

"The object of the provision of article 6(1) is to protect the individual concerned from living too long under the stress of uncertainty and, more generally to ensure that justice is administered without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility."

*Għaldaqstant u in vista tas-supremess l-esponenti qiegħed umilment jitlob li dina l-Onorabbli qorti sabiex :*

1. *Tiddikjara illi fil-proċeduri hawn fuq indikati ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
2. *Tħassar per konsegwenza l-effetti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-14 ta' Diċembru 2023 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissis Raymond Debono.' (Appell Numru 386/2014);*
3. *Tillikwida d-danni dovuti bħala kumpens lir-rikorrenti;*
4. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*
5. *Tagħti dawk il-provvedimenti kollha ulterjuri li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati."*

2. Rat ir-risposta tal-intimat **l-Avukat tal-Istat** ppreżentata fit-30 ta' Jannar, 2024, fejn wieġeb kif ġej:

"Jesponi bir-rispett :

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hi li minħabba allegat dewmien eċċessiv biex tiġi deċiża l-kawża kriminali* **Il-Pulizija vs. Raymond Debono** *dan sar bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u konsegwentement ir-rikorrent qed jitlob ukoll li l-piena karċeraraja effettiva ta' tlett snin priġunerija erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tiġi annullata u revokata.*

*Illi l-esponenti jirrespinġu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi bħala fatti jiġi rilevat li fis-sena 2006 ir-rikorrenti ġie akkużat il-Qorti, fost oħrajn b'reati ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, frodi, misapproprjazzjoni eċċ u fis-26 ta' Settembru 2014 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta Bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) sabet lir-rikorrenti ħati ta' ċertu akkużi u ikkundannatu erba' snin priġunerija. Ir-rikorrenti appella min din is-sentenza u eventwalment, b'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok ikkundannat lir-rikorrenti tliet snin priġunerija.*

*Illi huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalement għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli huma l-komplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità jew awtoritajiet rilevanti – f'dan il-każ l-agir ta' awtorità ġudizzjarja. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

*Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda* 'time limit' *li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

*Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-Liġi.*

*Illi finalement sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessività tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li l-proċeduri kriminali in deżamina għalkemm qed jieħdu numru ta' snin biex jiġu deċiżi, dan ma kienx biss minħabba nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni iżda ir-rikorrent stess ikkontribwixxa għal dan l-allegat dewmien.*

*Illi ir-rikorrent qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs li ġiet imposta fuqu leġittimament mill-Qorti tal-Appell Kriminali rigward akkużi serji u il-piena erogata hija fil-parametri tal-liġi. Huma l-Qrati penali li semgħu u għexu il-każ kriminali li kienu fl-aħjar pożizzjoni janalizzaw* ad funditus *il-fatti u l-provi ta' dan il-każ u għalhekk m'għandiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tbiddel jew tiddisturba ir-realtà ġuridika li stabbilew leġittimament il-Qrati penali fis-sentenzi tagħhom.*

*Illi il-fatt li l-proċeduri kriminali ħadu sbatax-il sena biex ġew deċiżi, ma jtaffi u ma jnaqqas xejn mil-ħsara kawżata mir-rikorrenti bl-aġir tiegħu. Terġa' u tgħid, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha kellha tiddeċiedi aggravju speċifiku tar-rikorrenti dwar il-*quantum *tal-piena u qieset iċ-ċirkostanzi kollha inkluż it-trapass ta' żmien tant li irriformat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati dwar dak li għandu x'jaqsam il-piena erogata u minflok erbgħa snin priġunerija, ikkundannat lir-rikorrenti tliet snin priġunerija. Ma jistax jingħad illi l-Qorti tal-Appell Kriminali injorat iż-żmien li ddekkora sakemm waslet għall-ġudikat tant li l-piena inflitta oriġinarjament ġiet imnaqsa.*

*Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal fuq espost, żgur li t-talba tar-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija talba irraġonevoli. Ir-rikorrenti ma jistgħax jippretendi li juża dawn il-proċeduri biex jipprova jaħrab minn sentenza u piena li ġiet imposta b'mod leġittimu fil-konfront tiegħu.*

*Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieħ tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irraġonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta' kumpens bħala danni morali u mhux ta' danni materjali.*

*Illi għalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' April, 2024, fejn il-kawża tħallet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Ir-rikorrent jispjega li huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fis-sena 2006, fejn kien ġie akkuzat fost reati oħra bi truffa u bi frodi fil-kumpilazzjoni numru 1200/2006. Jirrileva li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet sussegwentement tat is-sentenza tagħha fis-26 ta' Settembru, 2014, iżda peress li kien ħass ruħu aggravat bl-imsemmija sentenza, huwa kien intavola appell, li kien deċiż biss iktar minn disa' snin wara, fejn ġie kkundannat tliet snin priġunerija. Ir-rikorrent jgħid li b'hekk il-proċeduri kriminali kollha damu madwar sbatax-il sena qabel ma nagħlqu, u jikkontendi li dan wassal għal proċess li pperdura għal żmien irraġonevoli, li kien riżultat ta' nuqqasijiet amministrattivi, u mhux ċertament ħtija tiegħu. B'hekk jgħid li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu, u hawnhekk jagħmel riferiment għas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'], u għas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni'], għall-ebda raġuni ġusta, u llum huwa kien qiegħed iservi piena karċerarja għal reati li ġew kommessi 'l fuq minn sbatax-il sena ilu, fejn intilfu l-aspetti retributtivi u riformattivi fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent jsostni li huwa l-intimat Avukat tal-Istat li jaħti għall-ksur allegat. Jikkontendi li kif senjalat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, u anki dik tal-Qorti Ewropea, l-għan tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huwa li l-akkużat ma jibqax għal żmien indefinit soġġett għall-akkużi fil-konfront tiegħu. Iżda kien proprju l-Istat li kellu l-obbligu li jassigura l-ispeditezza tal-proċeduri ġudizzjarji, anki dawk kriminali, billi jassigura li l-proċeduri ġudizzjarji jimxu b'effiċjenza fi żmien raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Għalhekk jgħid li huwa l-Istat li

għandu jwieġeb għal dewmien irraġonevoli, senjatament meta jonqos li jimplimenta miżuri li jassiguraw l-effiċjenza fi proċeduri ġudizzjarji. Dan jgħidu filwaqt li jagħmel riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea. Ir-rikorrent jirrileva b'riferiment għal deċiżjoni partikolari fl-ismijiet **Pélissier and Sassi *v.* France**, li hemm tliet aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati fi proċeduri bħal dawk odjerni: (a) il-kumplessità tal-każ; (b) l-aġir tal-partijiet fil-kawża; u (ċ) l-aġir tal-awtoritajiet rilevanti, li fil-każ odjern huwa dawk ġudizzjarji. Hawnhekk ir-rikorrent jagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, u anki tal-Qorti Kostituzzjonali, u jissottometti li d-dritt sanċit permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirrispetta l-prinċipju tal-effikaċja għaliex dewmien eżaġerat jippreġudika l-aċċess garantit għall-ġustizzja li l-Istat għandu jiżgura lil kull ċittadin, u dan jgħid kif isostnu l-awturi Jacobs, White & Ovey. Għalhekk ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li fil-proċeduri kriminali in kwistjoni, ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jitlob li għalhekk għandhom jitħassru l-effett tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Diċembru, 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Omissis Raymond Debono**, Appell numru, 386/2014, filwaqt li jiġu likwidati d-danni dovuti lilu bħala kumpens, u tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu l-imsemmija danni hekk likwidati. Fl-aħħarnett jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tagħti dawk il-provvedimenti kollha ulterjuri li jidhrulha neċessarji sabiex b'hekk jitħarsu d-drittijiet fundamentali tiegħu.

4. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għal dawn ir-raġunijiet li jsegwu: (a) il-proċedura ġudizzjarja għandha tiġi eżaminata fl-assjem tagħha; (b) m'hemm l-ebda terminu

li l-Qorti għandha tosserva għaliex l-għaġġla żejda u nkonsulta twassal għall-preġudizzju tal-interess tal-ġudizzju; (ċ) irid jiġi ppruvat li d-dewmien kien wieħed kappriċċuż u ntiż sabiex jiżvantaġġa lir-rikorrent fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi; (d) kull każ għandu jiġi eżaminat skont il-mertu tiegħu u fil-kumplessività tiegħu, u fil-każ odjern it-tul tal-proċeduri ma kienx riżultat biss tan-nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni, iżda wkoll tar-rikorrent, li kkontribwixxa għall-allegat dewmien; (e) din il-Qorti m'għandhiex tbiddel jew tiddisturba r-realtà ġuridika li stabbilew leġittimament il-Qrati penali fis-sentenzi tagħhom; (f) il-fatt li l-proċeduri damu sbatax-il sena, ma jnaqqas xejn mill-ħsara li kkawża r-rikorrent bl-aġir tiegħu, u għandu jingħad li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ġiet imsejħa tiddeċiedi aggravju speċifiku tar-rikorrent dwar il-*quantum* tal-piena fejn qieset iċ-ċirkostanzi kollha, anki t-trapass taż-żmien, u minflok erba' snin hija kkundannat lir-rikorrent għal tliet snin priġunerija; (ġ) it-talba sabiex titħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija waħda irraġonevoli u r-rikorrent ma jistax jagħmel użu minn dawn il-proċeduri sabiex jevita sentenza li ġiet imposta leġittimament fuqu; (g) jekk din il-Qorti ssib li tassew kien hemm dewmien irraġonevoli, ir-rimedju għandu jikkonsisti f'danni morali u mhux danni materjali; (ħ) għaldaqstant m'hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq; (h) salv eċċezzjonijiet ulterjuri; u bl-ispejjeż.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. Waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2024, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent sabiex jiġu allegati l-atti tal-proċeduri kriminali in kwistjoni, liema atti ġew ippreżentati mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali permezz ta' nota tad-19 ta' Frar, 2024.

6. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrent ippreżenta nota flimkien ma' traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Din il-Qorti qiegħda tintalab mir-rikorrent sabiex tiddikjara li ġie miksur id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli a *tenur* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u sabiex b'hekk tordna li għandhom jitħassru l-effetti tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omissis Raymond Debono** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Diċembru, 2023, filwaqt li tillikwida d-danni dovuti lilu bħala kumpens u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-imsemmija danni. Ir-rikorrent qiegħed isostni li l-proċeduri kollha li wasslu għal dik is-sentenza u li tawlu għal kważi sbatax-il sena sabiex ingħalqu, huma leżivi tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

8. Kif diġà kkunsidrat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, ir-rikorrent korrettement jirrileva li hawnhekk il-Qorti għandha tinvestiga tliet aspetti qabel ma tiddeċiedi jekk tassew kienx hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri in kwistjoni. Il-Qorti tgħid li hawnhekk huwa opportun li jsir riferiment għal dak li ngħad mill-Qorti Kostitizzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Anton Camilleri *vs.* Avukat Generali**, tal-1 ta' Frar 2016, fejn ġie ssenjalat:

> *"... dwar jekk jeżistiex tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet oħra, ta' tliet binarji ormai ben assodati fil-ġurisprudenza patria u dik Ewropea, ossia il-komplessità*

*tal-każ, l-aġir taż-żewġ partijiet u* 'what was at stake for the applicant in a given case.' *(fn. 3 ECHR, Gordeyev vs Russia (Application no. 40618/04) 5/02/2015)*

*"21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma teżisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq abbażi ta' dewmien fil-proċeduri. Għalhekk, għalkemm il-Qorti għandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati għandu jitqies kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in kwistjoni.*

*"22. Jinsab ritenut illi:*

"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).

"…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is *prima facie* too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)." (fn. 4 Grand Chamber, Kendrion NV vs European Commission, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97)

*"23.Dwar it-tifsira tal-kunċett ta' 'żmien raġonevoli', l-Qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjetà demokratika. (fn. 5 Q.Kos. Emanuela Brincat vs L-Avukat Ġenerali, 21/2/1996 [Vol.80] ) Dan jfisser illi kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali tiegħu.' (fn. 6 Q. Kos. Zakkarija Calleja vs L-Avukat Ġenerali, 15/12/2015)*

9. L-intimat Avukat tal-Istat isostni li l-proċeduri li wasslu għal dik is-sentenza finali, għandhom jiġi kkunsidrati fl-assjem tagħhom, u dan skont l-insenjament tal-Qrati tagħna u anki tal-Qorti Ewropea.

10. Tagħraf li r-rikorrent jsemmi tliet fatturi li l-Qorti Ewropea tikkunsidra li għandhom jiġu mistħarrġa meta rinfaċċjata b'ilment dwar id-dewmien irraġonevoli ta' proċeduri ġudizzjarji, liema tliet fatturi llum ġew adottati wkoll mill-Qrati tagħna. Għalhekk il-Qorti ser tibda billi teżamina dak li attwalment seħħ quddiem id-diversi Qrati li ttrattaw l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent fil-proċeduri fl-ismijiet imsemmija, u dan sabiex tistabbilixxi jekk il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent kienux ta' kumplessità partikolari, tant li kienu jirrikjedu ż-żmien qabel jingħalqu, jekk ir-rikorrent jew il-Prosekuzzjoni kkontribwixxewx għad-dewmien allegat, u fl-aħħarnett jekk il-Qrati rispettivi li ttrattaw l-imsemmija proċeduri kellhomx xi ħtija għall-istess dewmien allegat.

11. Tirrileva li l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja saret fis-6 ta' Diċembru, 2006, fejn ġew imħarrka r-rikorrent u anki ċertu David Coleiro bħala ko-akkużat. Fis-seduta ta' wara tal-24 ta' Novembru, 2006, xehdu tliet xhieda. Fis-seduta sussegwenti l-Prosekuzzjoni talbet sabiex tirregola ruħha għaliex xtaqet li żżid mal-akkużi. Fl-erba' seduti ta' wara, il-ko-akkużat David Coleiro naqas milli jidher, u b'hekk il-proċeduri kellhom jiġu differiti. Saret żieda min-naħa tal-Prosekuzzjoni fl-akkużi, u b'hekk l-atti ntbagħtu lura lir-Reġistratur sabiex il-kawża tiġi assenjata lil qorti oħra ta' kompetenza kriminali. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2007, David Coleiro reġa' ma deherx, u għalhekk il-kawża ġiet differita. Fis-6 ta' Lulju, 2007, xehed xhud wieħed. Is-seduta tal-10 ta' Settembru, 2007, ġiet differita għaliex il-Maġistrat sedenti kienet indisposta. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007, xehed xhud wieħed, u l-istess fis-seduta sussegwenti tat-30 ta' Novembru, 2007. Tassew diġà kienu għaddew kważi tnax-il xahar minn meta tressaq ir-rikorrent, u

effettivament xehdu sitt xhieda biss, iżda jirriżulta li ntilfu numru ta' seduti minħabba li l-ko-akkużat David Coleiro naqas li jidher diversi drabi.

12. Reġgħu ntilfu erba' seduti, u l-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2008, iddeċidiet li titlob għas-separazzjoni tal-proċeduri kontra l-imputati. Is-seduta ta' wara tal-20 ta' Ġunju, 2008, ma saritx fuq talba tal-Prosekuzzjoni, u għal disa' seduti sħaħ ir-rikorrent ma deherx. Kien hemm xi drabi fejn ir-rikorrent ma kienx ġie notifikat, u drabi oħra fejn il-Prosekuzzjoni kienet sprovvista minn referta, sabiex b'hekk il-Qorti ma tistax tikkonferma jekk il-ħtija tan-nuqqas tal-preżenza tar-rikorrent hijiex dovuta għan-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tassigura li jiġi notifikat, jew tar-rikorrent li naqas milli jidher.

13. Fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2009, il-Prosekuzzjoni talbet differiment, u l-istess fis-seduta ta' wara tat-23 ta' Lulju, 2009. Il-Maġistrat sedenti kienet indisposta għas-seduta tal-4 ta' Settembru, 2009. Fit-8 ta' Ottubru, 2009, ir-rikorrent talab li s-seduta għandha tiġi differita. Ir-rikorrent deher għas-seduta ta' wara tal-20 ta' Novembru, 2009, iżda l-Prosekuzzjoni talbet differiment għaliex l-Ispettur Abdilla kien impenjat fuq xogħol urġenti. Fiż-żewġ seduti sussegwenti r-rikorrent naqas milli jidher, iżda fi kwalunkwe każ il-Prosekuzzjoni talbet għal differiment għaliex l-Ispettur Abdilla kien indispost, u darb'oħra kien imsiefer.

14. L-imsemmi Spettur Abdilla xehed waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu, 2010. Is-seduta tat-30 ta' April, 2010, ma setgħetx issir minħabba theddida ta' bomba fil-Qrati. Fit-2 ta' Ġunju, 2010, intalab differiment mill-Prosekuzzjoni sabiex il-proċeduri kontra David Coleiro jinstemgħu flimkien ma' dawk tar-rikorrent. Ir-rikorrent ma deherx għas-seduta sussegwenti, u fis-seduta ta' wara l-Maġistrat

sedenti kienet indisposta. Fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2010, xehed l-Ispettur Abdilla. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tħarrek xhieda għas-seduta ta’ wara. Fis-seduta tas-16 ta’ Diċembru, 2010u ma setgħetx tipprovdi kopja tat-taħrika tax-xhud.

15. Fis-seduta tat-28 ta’ Jannar, 2011, xehdu tliet xhieda, iżda ma ġew imħarrka l-ebda xhieda mill-Prosekuzzjoni għas-seduta ta’ warajha. Fis-seduta tat-8 ta’ April, 2011, ma deher ħadd. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tħarrek lir-rikorrent għas-seduta tal-20 ta’ Mejju, 2011. Għas-seduti tal-1 ta’ Lulju, 2011, u s-7 ta’ Lulju, 2011, ir-rikorrent naqas milli jidher, iżda l-Prosekuzzjoni ma kellha l-ebda riferta. Fis-seduta tas-17 ta’ Jannar, 2011, ma deher ħadd u lanqas f’dik tas-7 ta’ Diċembru, 2011. Ir-rikorrent ma kienx notifikat bis-seduta tat-30 ta’ Settembru, 2011.

16. Il-Prosekuzzjoni kienet indisposta għas-seduta tal-20 ta’ Jannar, 2012, u anki għas-seduta tal-24 ta’ Frar, 2012, meta anki r-rikorrent ma deherx, kif għamel ukoll fis-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2012. Ir-rikorrent ma deherx għal darb’oħra għas-seduta tal-11 ta’ Mejju, 2012, iżda dan għaliex il-Prosekuzzjoni bi żball ħarġet taħrika għal jum ieħor minflok dak tas-seduta. Fis-seduta tal-15 ta’ Ġunju, 2012, xehed xhud wieħed, u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li għalqet il-provi tagħha. Imbagħad fl-20 ta’ Lulju, 2012, inqraw l-artikoli, u r-rikorrent għażel il-proċedura sommarja.

17. Jirriżulta għalhekk il-proċeduri tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent damu kważi sitt snin. Terminu pjuttost twil tgħid il-Qorti, ikkunsidrat li xehdu biss għaxar xhieda tal-Prosekuzzjoni, u l-każ fil-konfront tar-rikorrent ma kienx ta’ xi kumplessità partikolari. Iżda l-Qorti tagħraf li ntilfu ħafna seduti kemm għaliex il-

ko-akkużat tar-rikorrent kien qiegħed jonqos milli jidher, u għalhekk l-assenza tiegħu kienet qiegħda twassal sabiex jiġu stultifikati l-proċeduri tal-kumpilazzjoni fil-konfront tiegħu u tar-rikorrent, sakemm wara kważi sena u nofs mill-bidu tal-imsemmija proċeduri, il-Prosekuzzjoni talbet li dawn għandhom jitmexxew separatament fil-konfront tal-ko-akkużati rispettivi. Il-Qorti ma tikkunsidrax li dan il-perijodu huwa wieħed mitluf fix-xejn, għaliex ġaladarba r-rikorrent u David Coleiro tressqu flimkien bħala ko-akkużati, u aktar tard wara il-proċeduri ta' kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, il-Prosekuzzjoni talbet li dawn għandhom jimxu flimkien ma' dawk fil-konfront ta' David Coleiro, l-imsemmija Prosekuzzjoni kellha raġuni għaliex hija kienet ressqithom flimkien taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja. Ir-rikorrent naqas milli jidher b'kollox għal sbatax-il seduta, li huwa numru sostanzjali ta' seduti, għalkemm ma jirriżultax jekk kienx dejjem ġie mħarrek, u għażel li ma jidhirx jew jekk ukoll kienx hemm problemi sabiex jiġi debitament notifikat, forsi wkoll mhux attribwibbli lill-Prosekuzzjoni, jew saħansitra jekk il-Prosekuzzjoni naqset milli toħroġ id-debita taħrika, għaliex ma jirriżultawx raġunijiet għan-nuqqas ta' notifika tiegħu. Għalhekk ma jistax jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent kienx qiegħed effettivament jikkontribwixxi għad-dewmien fil-proċeduri fil-konfront tiegħu, jew kienet il-Prosekuzzjoni stess/ukoll. Jirriżulta mbagħad li l-Prosekuzzjoni talbet għal diversi differimenti kemm għaliex kienet indisposta għal xi raġuni jew oħra, jew għaliex ma kienitx laħqet ħarrket lir-rikorrent jew ix-xhieda tagħha. Hawnhekk intilfu sbatax-il-seduta, li ċertament mhumiex ftit. Minn dan kollu jirriżulta li ftit setgħu jimxu 'l quddiem il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent minħabba kemm l-assenza tiegħu fuq naħa waħda, u anki minħabba l-assenza tal-Prosekuzzjoni drabi oħra, jew in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tassigura li jiġi mħarrek ir-rikorrent jew ix-

xhieda li kellhom jinstemgħu kif indikati mill-Avukat Ġenerali. F'dan kollu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ġibdet l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni darbtejn għan-nuqqasijiet min-naħa tagħha, dan filwaqt li l-Qorti tagħraf li d-dewmien seta' kien wieħed intenzjonat sakemm il-Prosekuzzjoni tassigura li l-ko-akkużat David Coleiro jinstab, jiġi arrestat u jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, kif fil-fatt ġara, u fejn waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2010, saret talba sabiex il-proċeduri kontra ż-żewġ ko-akkużati jitmexxew flimkien. Il-Qorti tirrileva wkoll li r-rikorrent min-naħa tiegħu ma jidhirx li kien daqstant preokkupat bil-fatt tad-dewmien fil-proċeduri ta' kumpilazzjoni fil-konfront tiegħu, għaliex qatt ma ressaq l-ebda lment jew talba appożita quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja intiża sabiex jiġi ndirizzat tali dewmien.

18. Il-Qorti minn hawnhekk ser tkompli billi teżamina x'seħħ wara li nqraw l-artikoli, u r-rikorrent għażel li joqgħod taħt proċedura sommarja. L-avukat difensur tar-rikorrent talab differiment għas-seduti tad-19 ta' Ottubru, 2012, u tas-26 ta' Novembru, 2012. Il-Prosekuzzjoni talbet differiment għas-seduta ta' wara li kienet fil-25 ta' Jannar, 2013. Fil-21 ta' Frar, 2013, saru l-kontro-eżamijiet ta' ħames xhieda, u fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2013, dawk ta' żewġ xhieda oħra. Fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2013, xehed xhud wieħed. Ir-rikorrent ma deherx għas-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2013, u dan għaliex it-taħrika kienet tindika ħin ħażin. Is-seduta tas-16 ta' Lulju, 2013, ġiet differita, u l-Prosekuzzjoni talbet differiment għas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013, fejn lanqas ir-rikorrent ma kien preżenti. Il-Prosekuzzjoni reġgħet talbet differiment għas-seduta ta' wara, jiġifieri dik tas-7 ta' Novembru, 2013. Waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2013, xehed ir-rikorrent.

19. It-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tas-17 ta' Jannar, 2014 ma setgħetx issir. Is-seduta tas-7 ta' Frar, 2014, ma setgħetx issir għaliex il-Prosekuzzjoni kienet maqbuda quddiem qorti oħra. Fis-seduta ta' wara tal-14 ta' Marzu, 2014, xehed ir-rikorrent, li talab differiment għas-seduta sussegwenti tal-4 ta' April, 2014. Waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju, 2014, saret it-trattazzjoni finali mill-partijiet u l-Qorti għaddiet għas-sentenza tagħha fis-26 ta' Settembru, 2014.

20. Minn dawn l-osservazzjonijiet tal-Qorti, jirriżulta li l-proċedura sommarja fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħalqet fi kważi sentejn, fejn intalbu diversi differimenti min-naħa tal-Prosekuzzjoni, u anki min-naħa tar-rikorrent, u għalhekk kien hemm biss sitt seduti li ma nħlewx minn sittax. B'hekk hawnhekk kien ukoll ir-rikorrent li kkontribwixxa għad-dewmien fil-proċeduri, u dan fejn għal darb'oħra fl-imsemmija proċeduri ma jirriżultax li kien hemm partikolarment dewmien bla bżonn. Min-naħa tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-ewwel għaddiet għas-sentenza, wara t-trattazzjoni finali tal-partijiet rispettivi.

21. Għal dak li jirrigwarda l-proċeduri tal-appell, l-ewwel udjenza saret fit-22 ta' Ottubru, 2015, wara li r-rikorrent kien ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-8 ta' Ottubru, 2015. Jirriżulta li r-rikorrent darbtejn talab għal sentenza preliminari fuq kwistjonijiet rispettivi, fejn ġiet allegata n-nullità tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Din il-Qorti tgħid li f'dak ir-rigward kien hemm ċertament dewmien bla bżonn ikkawżat mir-rikorrent, fejn l-eċċezzjonijiet tiegħu setgħu saru flimkien fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa minnu li dik il-Qorti ddiferiet tliet

darbiet il-proċeduri qabel ma tat is-sentenzi preliminari rispettivi, iżda t-tul ta' żmien mhijiex qiegħda tikkunsidrah bħala wieħed irraġonevoli. Madankollu b'kollox il-proċeduri damu madwar sittax-il xahar qabel ma setgħu jiġu stradati fuq il-mertu tal-appell. Fl-4 ta' Settembru, 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddiferiet il-proċeduri għas-sentenza għad-29 ta' Jannar, 2018, iżda din ingħatat biss fl-14 ta' Diċembru, 2023, fejn kien hemm biss żewġ seduti fejn intalab differiment, din id-darba min-naħa tar-rikorrent. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li ma tirriżulta l-ebda raġuni għad-dewmien pjuttost twil sabiex tingħata s-sentenza finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ċertament bi preġudizzju lejn ir-rikorrent li kellu jistenna sitt snin sħaħ, u dan mingħajr l-ebda raġuni valida skont il-liġi u bl-ebda mod imputabbli lir-rikorrent, qabel ma tingħata d-deċiżjoni finali dwar jekk kellux jiġi liberat mill-akkużi miġjuba kontrih, jew fin-nuqqas jekk il-piena kellhiex tkun waħda inqas minn dik inflitta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

22. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Emanuel Portelli et *vs.* Avukat Generali et**, dwar dewmien ta' seba' snin sabiex tingħata s-sentenza, qalet hekk:

> *"[28] Tosserva wkoll li ma jirriżultax li kien hemm raġuni valida li setgħet tiġġustifika b'xi mod dan id-dewmien ta' seba' snin għall-għoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bħala wieħed raġonevoli, anke kkunsidrat il-komplessità tal-punt legali involut, u għalhekk dan jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, <u>għalkemm ma jidhirx mill-atti li</u> <u>ppreżentaw rikors f'dan ir-rigward</u>, iżda żgur li <u>l-inċertezza li sofrew</u> <u>għal dan it-tul taż-żmien sabiex tigi determinata l-vertenza kienet</u> <u>raguni ta' ansjetà u frustrazzjoni</u> [sottolinear ta' din il-Qorti] da parti tagħhom, u ta' dan, għandhom jiġu kkumpensati."*

23. Għandu jingħad li fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju, 2016 fl-ismijiet Raymond Farrugia et *vs.* L-Avukat Ġenerali et, il-Qorti Kostituzzjonali[1] għamlet riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Richard Anderson *v.* United Kingdom** deciza fid-9 ta' Frar 2010[2], fejn fissret tajjeb ir-responsabbiltà tal-Istat li jagħmel ċert li s-sistema ġudizzjarja tiegħu hija waħda effiċjenti sabiex b'hekk jitħares id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli:

> *"As the Court has frequently stated, the State remains responsible for the efficiency of its system; the manner in which it provides for mechanisms to comply with the reasonable time requirement – whether by automatic time-limits and directions or some other method – is for it to decide. If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by Article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (Bhandari v. the United Kingdom, no. 42341/04, § 22, 2 October 2007, together with further references therein)….*
>
> *"39. …….. it accepts the unreasonable delay in the Court of Session proceedings must have caused the applicant some distress and frustration. As a result he has certainly suffered non-pecuniary damage which is not sufficiently made good by the finding of a violation of the Convention. Ruling on an equitable basis, it awards him EUR 1,500."*

Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-ilment tiegħu huwa ġustifikat fejn jolqot il-proċeduri tal-appell, u tgħid li għandu jintlaqa' limitatament.

Tikkunsidra li dan is-sejbien ta' ksur m'għandux u ma jistax iwassal sabiex titħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tar-rikorrent, li għandha tibqa' valida fil-konfront tiegħu. Il-Qorti ma tarax li dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent huwa rimedju effettiv, u l-ħelsien mill-kundanna tiegħu jista' biss ikompli jnaqqas mill-effett u l-kredibilità tal-ġustizzja. Għalhekk tikkunsidra li jkun

[1] Kost. 5/14.
2 App. 19859/04.

aktar ġust u xieraq li r-rikorrent jingħata rimedju skont it-tielet talba tiegħu, u għal dan il-għan hija qiegħda tiffissa s-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) bħala kumpens li huwa għandu jirċievi mingħand l-intimat Avukat tal-Istat.

__Decide__

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti, tilqa' it-talbiet l-oħra tiegħu limitatament kif intqal hawn fuq f'din is-sentenza, u filwaqt li tiddikjara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lill-imsemmi rikorrent is-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) rappreżentanti l-kumpens dovut lilu għall-ksur li huwa sofra fil-konfront tiegħu minħabba d-dewmien fil-proċeduri tal-appell, u bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat l-Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**